**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 13 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 768/02 AJD**

**Carmel u Josephine konjugi Gafa'**

**vs**

**Charles u Dolores konjugi Pisani**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' tlett mija u disgha u sebghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm379.90), rapprezentanti arretrati fi hlasijiet ta' kera rigward kamra gol-fond Flat 1, Ward u Zahar, Triq il-Wied, Birkirkara, skond ftehim bejn il-partijiet, skond skrittura (Dok. A), kif ukoll arretrati fi hlas ghad-dawl u l-ilma, skond prospett (Dok. B) u ircevuti (Dok. C, D u E).
Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma deherux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Michael Zammit Maempel, ghall-atturi, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi

kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u disgha u sebghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm379.90), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**